**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 57

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 23 ta' Awwissu 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-11.00 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ħadd ma kien assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

57.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 56

57.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sitta u ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

57.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

57.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra, l-minuti tal-sitta u ħamsin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

57.3.1.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-Festa tas-Salvatur. Huwa qal kif min dak li kien inkarigat il-Kunsill, Lokali fil-jiem tal-festa kollox mar kif ippjanat sal-Ħadd 6 ta' Awwissu, 2023. Huwa kien qed jirreferi għal permessi ta' għeluq tat-toroq waqt l-armar, n-nar ta' l-art, permessi tal-gabbani u bars, bbq's organizzati mill-għaqdiet fil-pjazza, knis tat-toroq, ġbir ta'skart. Kollox kien kopert.

57.3.1.2 Is-Sindku kompla jispjega kif l-unika problema bil-ġbir tal-iskart huwa li ma kienx kopert it-tibdil meta l-festa tiġi trasferita għall-ġurnata oħra minħabba raġunijiet speċjali li fil-każ ta' Ħal Lija kien ir-riħ. Ġara li l-kuntrattur ma ġabarx l-iskart li ġġenerat il-festa l-Ġimgħa peress li l-iskeda kienet differenti u l-Ġimgħa jinġabar l-iskart organiku. Allura l-boroz is-suwed tal-iskart imħallat inġabru s-Sibt u dan spiċċa rriżulta fi mandra għax tħalla fil-pjazza. Minħabba ċ-ċirkulari li ħarġet mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsilli ma jagħmlux spejjeż oħra addizzjonali fuq il-ġbir ta' l-iskart, il-kunsill qatt ma setgħa jordna u u jħallas servizz extra biex jinġabar immedjatament bħal ma sar il-Ħadd.

57.3.1.3 Is-Sindku kompla billi rringrazzja lil Cleansing Department għall-ko-operazzjoni tagħhom fejn ipprovdew lil kunsill tmienja u għoxrin (28) il- bin tul il-Festa, kollha nkluż l-estenzjoni sal-Ħamis.

57.3.2.1 Wara s-Sur Dalli tkellem fuq il-ġita ta' Sqallija li saret bejn is-17 u id-19 ta' Awwissu ġewwa Militello. Huwa qal kif din l-attivita attendew għaliha grupp ta'wieħed u għoxrin il-persuna u kollox kien effiċjenti u tajjeb speċjalment l-ikel. Kollox twettaq kif kien ippjanat però waqt il-Festa fi Militello sfortunatament inqalgħet diżgrazzja waqt li kienet ħierġa l-vara u l-bidu tal-purċissjoni. Il-Festa kellha titħassar minħabba li tħabbar luttu.

## 57.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

57.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 57.5 Korrispondenza

57.5.1 Is-Sinjura Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex titratta korrispondenza b'numru 284/2023. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik titratta dwar korrispondenza fejn xi ħadd irrapporta manhole privata mifqugħa u l-kunsill informa lil din l-istess persuna li s-sid tad-dar irrid jirranġalha l-manhole għax dik ta' servizz privat.

57.5.2 Is-Sinjura Farrugia staqet tkun taf dwar xiex titratta korrispondenza b'numru 303/2023. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif TM infurmat lil kunsill li fi Triq Antonio Azzopardi hemm 1.5m keep clear parking bay li din m'għandhix tintuża, biex titneħħa mill-kunsill.

57.5.3 Is-Sur Cini staqsa dwar korrispondenza numru 304/2023 bl-isem ' 3rd Allocations deductions'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif dwar din il-materja ser nitkellmu aktar il-quddiem fil-laqgħa fis-sezzjoni ta' xogħol ieħor tal-kunsill u lmenti.

## 57.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Tar-Rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jan-Ġun 2023

57.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill it-tieni rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Ġunju 2023. Dan ir-rapport ġie ppreparat mill-accountant is-Sur Kevin Incorvaja u wkoll ingħata ħafna tard minkejja diversi twissijiet ta' kuljum li huwa ngħata mis-Segretarju Eżekuttiv.

57.6.2 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju qraw fil-qosor il-figuri tar-rapport kif ġej. Huwa qal li l-kunsill kellu dħul totali ta' €172,589, nefqa totali ta' €177,784 u dan irriżulta fi defiċit żgħir ta' €5,195. Is-Sur Dalli kompla jispjega r-rapport billi ta *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu hija 77% u l-ammont tal-flus fil-bank huwa wieħed tajjeb ukoll.

57.6.3 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku, il-Kunsilliera ma kellhomx mistoqsijiet.

57.6.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia.

## 57.7 Aġġornament – Sejħa ġdida ta' impjieg għal Skrivan fuq bażi F/T

57.7.1 Is-Sinjura Seguna tat aġġornament lis-Sindku u lill-Kunsilliera dwar l-istadju ta' proċess li wasal fih il-kunsill rigward is-sejħa ta' impjieg miftuħa għal skrivan fuq bażi F/T.

57.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil Kunsilliera kif is-sejħa l-aħħar li dehret kienet fuq il-website ta' keep me posted.

57.7.3 Is-Sinjura Seguna qalet kif nies applikaw però reġgħa hemm ħafna minnhom li ma applikawx sew kif kien rikjest, u hemm oħrajn li m'għandhomx il-kwalifiki li ġew mitlub. Is-sinjura Seguna qalet li ser terġgħa tagħmel eżerċizzju fejn iddur l-applikazzjonijiet kollha li daħlu u tiddetermina liema huma dawk l-applikazzjonijiet li jistgħu jitqiesu eliġibbli skond is-sejħa tal-Kunsill.

57.7.4 Is-Sinjura Seguna talbet ukoll lis-Sindku u lil Kunsilliera biex issibu data konvenjenti ta' meta jistgħu jsiru l-interviews. Kien hemm qbil biex l-interviews jsiru bejn wieħed u ieħor fl-4 u l-5 ta' Settembru, 2023.

## 57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni biex tinħareġ sejħa ġdida ta' impjieg għal uffiċċjal Eżekuttiv fuq bażi PT

57.8.1 Kif diġà ġie kkomunikat lis-Sindku u lil Kunsilliera permezz ta' imejl datata 27 ta' Lulju 2023, is-Sinjura Seguna uffiċjalment qalet kif hija ngħatat riżenja mingħand is-Sinjura Diane Abela Penza li kurrenti qed isservi fil-Kunsill Lokali bħala uffiċjal Eżekuttiv fuq bażi PT għal għoxrin siegħa. Is-Sinjura Abela Penza bħalissa qed taħdem bin-notice u l-impjieg tagħha ser jintemm fl-24 ta' Ottubru, 2023.

57.8.2 Għalhekk, kif diġà ġie kkomunikat fl-istess imejl u kif kien hemm qbil mill-membri kollha tal-kunsill, is-Sinjura Seguna kompliet tgħid kif hija minnufih fetħet permess biex tinħareġ sejħa oħra ta' impjieg mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Ġie mitlub biex il-kunsill ikollu uffiċċjal eżekuttiv PT għal tletin siegħa. Id-Dipartiment approva din it-talba tal-kunsill u l-permess biex tinħareġ din is-sejħa ta' impjieg ingħatat fi ftit jiem. Is-sejħa sissa nħarġet internament fil-Kunsilli Lokali u dawk Reġjonali kollha u fortunatament il-kunsill mill-ewwel kellu applikazzjoni waħda.

57.8.3 Kif diġà ġie mgħarraf ukoll bl-imejl datata it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2023, ser ikun qed isir interview lil persuna li applikat nhar il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu fl-10:00am. Il-Kunsilliera reġgħu ġew mgħarfa b'din id-data biex min irid ikun preżenti jista jattendi bil-qalb kollha.

57.8.4 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lil Kunsilliera li biex ma jkunx hemm aktar telf ta' ħin u peress li din il-persuna żgur għandha notice twil x'taħdem qabel ma tiġi ingaġġata mal-Kunsill, kemm il-darba din il-persuna fl-opinjoni tal-kunsill hija tajba biex taqdi d-dmirijiet mitluba fil-kariga ta' uffiċjal eżekuttiv hija ser tkun infurmata minnufih li ġiet magħżulha. Il-Kunsilliera qablu u ma sabiex oġġezzjoni biex isir hekk kemm il-darba il-persuna tkun tajba u hija taċċetta. Jekk il-persuna ma tinstabx tajba, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkompli bil-proċedura biex jinstab

xi ħadd ieħor. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lil kunsilliera li din il-materja umbgħad xorta tiġi approvatha uffiċjalmewnt fis-seduta li jmiss ta' Settembru. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 57.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

57.9.1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-evalwazzjoni tat-Tender tal-Parks and gardens
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport ta' evalwazzjoni għat-tender tal-ġonna kif finalment ġie evalwat mill-bord magħżul. Kopja ta' dan ir-rapport diġà ntbgħat għall-approvazzjoni tal-kunsilliera b'permezz ta' imejl datata 7 ta' Awwissu 2023, biex tkun tista titkompla l-proċedura onlajn fuq is-sistema tal-EPPS.

57.9.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil kunsilliera kif b'kollox għal din it-tender tefgħu l-offerta tagħhom tlett persuni. Il-bord evalwa dawn it-tlett offerti li minnhom tnejn biss kienu eliġibbli kemm technically u kemm financially u l-bord anke kkonkluda li din it-tender tingħata lill-kuntrattur li tefgħa l-irħas offerta, f'dan il-każ kien Bezzina Ltd. Fl-imejl mibgħuta tas-7 ta' Awwissu, is-Sinjura Seguna qalet li l-kunsilliera approvaw li jmexxu bid-deċiżjoni tal-bord u b'hekk hija kompliet il-proċedura onlajn fuq is-sistema billi nnotifikat lil bidders b'din id-deċiżjoni ukoll.

57.9.1.3 Is-Sinjura Seguna kompliet tgħid kif issa l-kunsill irid jistenna li jgħaddu l-għaxar tijiem li fihom jista jsir appell. Appena dawn l-għaxar tijiem jiskadu fl- 4 ta' Settembru 2023, u ma jkunx sar appell, jiġi kkuntatjat Bezzina Ltd biex jiffirma l-kuntratt il-ġdid. Il-Kunsill reġgħa ħa nota ta' din il-materja.

57.9.2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Akkumular tal-leave mis-sena 2023 għas-sena 2024 tas-Segretarju Eżekuttiv
Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Seguna ressqet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill talba biex hija tkun tista takkumula b'kollox 61.5 il-siegħa leave mis-sena 2023 għas-sena 2024, li huma ekwivalwenti għal seba tijiem leave.

57.9.2.2 Il-Kunsill unanimament approva t-talba tagħha.

57.9.3.1 Tnaqqis mit-tielet tranche tal-allokazzjoni
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għarfu lil kunsilliera bit-tnaqqis li sar mit-tielet tranche tal-allokazzjoni, fil-fondi tal-ġbir tal-iskart, dan skond ċirkulari tal-Gvern Lokali b'numru 5/2023. Kif kulħadd issa jaf tajjeb il-ġbir tal-iskart qiegħed fir-responsabbilta tar-Reġjuni u l-ħlas lil kuntrattur tal-iskart qed isir mir-Reġjuni. Il-Flus però ta' dan is-servizz xorta kienu allokati fl-allokazzjoni tal-kunsilli allura biex ir-Reġjun ikollu cashflow ħalli jkun jista jħallas lill-kuntrattur, id-dipartiment tal-gvern lokali naqqas 70% mill-allokazzjoni tal-kunsill biex ir-Reġjun ikun jista jipproċedi biex iħallas lil kuntrattur.

57.9.3.2 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv talbu lil kunsilliera biex jieħdu nota ta' din il-materja u qalu kif suppost dawn il-flus għandhom umbgħad jiġu mgħoddija lura mir-Reġjun bħala reimbursement.

57.9.4.1 Talba għal pedestrian protective measures fi Triq Preziosi
Saret talba mal-kunsill lokali biex tidaħħal applikazzjoni ma' TM u jiġu nstallati pedestrian protective measures fi Triq Preziosi bejn djar 8 u 9. Dan ir-resident qed iressaq din it-talba biex karozzi ma jibqgħux jipparkjaw aktar viċin mal-faċċati għaliex ġieli jagħlqu l-aċċess tal-bieb biex jidħol jew joħroġ mid-dar. Anke il-faċċata ġieli barxulu.

57.9.4.2 B'permezz tat-talba tiegħu u qed jitlob biex: issir bankina baxxa ta' 80cm biex tillimita l-karozzi milli jipparkjaw viċin u anke pram tkun tista tgħaddi bil-kumdita, jsiru l-kaxxi tal-karozzi bojod kif suppost ħalli l-kaxxi jindikaw eżatt kif għandhom jipparkjaw l-karozzi, jew inkella li jsiru xi planters li jiprevenu lil karozzi milli jipparkjaw viċin tal-faċċati u xejn xejn il-planters isebbħu l-akwata fl-istess ħin.

57.9.4.3 Is-Sindku qal kif dwar din il-materja ser jiltaqgħa ma' rappreżentant ta' TM on site biex jagħti parir lil Kunsill ta' x'inhu l-aħjar li jsir.

## 57.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

57.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 08/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €204.67 għax-xahar ta' Lulju. Is-Sinjura Seguna spjegat kif għax-xahar tal-Lulju fil-pettycash sar żball ġenwin żgħir u l-ammont tal-petty cash allokat ta' 200 EUR intuża kollu u inqabeż daqsxejn aktar bi EUR 4.67. Pero hija spjegat kif dan l-iżball m'għandhux jaffetwa lil kunsill għaliex fil-pettycash xorta kien hemm xi flus żejda u għalhekk il-kunsill ma marx minn taħt għaliex il EUR 4.67 ittieħdu mill-ammont żejjed li kien hemm.

57.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 08/23) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 57.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

57.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjoni alarmanti riċenti ma kienx hemm.

## 57.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

57.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

57.12.2 Il-Kunsillier, is-Sur Zahra staqsa jekk tistax tiġi nstallatha speeding hump fi Triq Annibale Preca mal-ġenb tal-mitħna għaliex karozzi qed jinżlu bi speed qawwi minkejja li hemm it-tabelli biex inaqsu l-ispeed. Il-Kunsill kollha ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba u ser tkun qed issir applikazzjoni ma' TM.

57.12.3 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia qal kif huwa ġie avviċinat li waqgħet biċċa ġebla kbira mill-gallarija fi Triq Ġeraldu Azzopardi. Huwa tajjeb jekk il-kunsill jistax jieħu xi tip ta' azzjoni dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku minnufih infurmah kif din il-kwistjoni privata u s-sid responsabbli biex isewwi u jneħħi kull tip ta' periklu. L-unika ħaġa li jista jagħmel il-kunsill huwa li jsib min hu s-sid u tintbgħatlu ittra. Ser tintbagħat din l-ittra appena s-Sur Mallia jġib l-indirizz komplut.

57.12.4 Il-Kap tal-Minoranza, is-Sinjura Farrugia tkellmet dwar ix-xogħlijiet li qed issiru bħalissa ta' trench fi Triq id-Dejqa. Is-Sindku nfurmaha kif dak xogħol minn Melita għax iltaqgħu mal-kunsill diġà dwar dawn ix-xogħlijiet u nfurmaw li ser ikunu qed jgħaddu servizz ta' fibre ġdid. Is-Sinjura Farrugia talbet biex dawn il-ħaddiema ma jagħlqux it-triq b'ċertu mod meta jkunu qed jaħdmu għaliex inkella jagħlqu lil dawk li jkollhom il-karozzi fit-triq. Is-Sindku qal li mhux suppost il-każ għaliex vera huma ħaddiema galbati f'xogħolhom u wegħdu lil kunsill li f'dak il-każ jinfurmaw lir-residenti huma. Is-Sindku issa ser imur ftit fejn dawn il-ħaddiema on site ħalli jara eżatt x'hemm.

57.12.5 Is-Sur Zahra qal kif il-kunsill qala proset mingħand ir-residenti li joqgħodu Ta' Senna fi Triq Antonio Azzopardi għaliex qabel il-festa saret tindifa sew fit-triq kif kien rikjest bil-qtugħ tal-ħaxix ukoll.

57.12.6 Is-Sur Mallia lmenta dwar il-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem u kif dan donnu xi drabi jarah jiżdied. Is-Sindku wieġeb kif mhux suppost jiżdied bl-għalf li kien qed jingħata apposta. Is-Sur Dalli avża lil kunsilliera ukoll kif ftit tal-jiem ilu issa l-kunsill irċeva imejl li l-AKL mhux ser tħallas aktar biex ikun hemm kuntrattur li jalef lil ħamiem bl-għalf apposta. Mhux ser tibqa toffri dan is-servizz b'xejn lil kunsilli għaliex kienet qed tiġiha spiża l-AKL u jekk filkas il-kunsill irid jara kif ser ifendi għal rasu hu u jekk filkas iqabbad kuntrattur hu.

57.12.7 Il-Kunsillier Ċini qal li avviċinawh xi nies dwar ix-xogħol tal-bankini li qed isir fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għaliex bejn il-kurduni tħalla ftit vojt. Is-Sindku nfurmah kif dak il-vojt ser jimtela dalwaqt, il-kuntrattur diġà jaf x'għandu jagħmel.

57.12.8 Il-Kunsillier Ċini qal li l-mera li hemm fi Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq Fernand Gregh hija daqsxejn skuntrata u anke mkissra, biex din tinbidel. Is-Sindku nfurmah kif dik mhux ser tinbidel alissa minħabba xi xogħol li baqa jsir biex ma tmurx terġa tinkiser. Il-ħaddiema tal-kunsill ukoll diġà ntbgħatu jirranġawha. Is-Sindku nfurmah kif alissa ser jintbgħatu l-ħaddiema tal-kunsill biex jerġgħu jirranġawha mill-aħjar li jistgħu. Il-Kunsill jaf biha imma din il-mera u qiegħda fil-lista li tinbidel kif ikun il-waqt.

57.12.9 Il-Ħin kien 11:53am x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |